**25 ta' Ottubru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Francis Zammit Dimech *et noe*

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Assoċjazzjoni, libertà ta' – Espressjoni, libertà ta' – Dimostrazzjoni – *Meeting* – Kumpens Xieraq**

*Ir-rikorrent allega li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni meta l-intimat ċaħadlu t-talba biex iżomm dimostrazzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat, laqgħat it-talba tar-rikorrent u rrinunzjat lill-Prim'Awla biex jiġi llikwidat kumpens adekwat.*

*Il-liġi tiddistingwi bejn dimostrazzjoni u meeting. Għalbiex tinżamm dimostrazzjoni ma hemmx għal fejn li jkun hemm il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Imma la darba l-permess intalab u ġie mill-Kummissarju rrifjutat, dak ir-rifjut kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u ċjoè tad-drittijiet ta' assoċjazzjoni u espressjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Francis Zammit Dimech *nomine* u Stefan Frendo *nomine* pprezentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li bih ippremettew:

Illi fit-22 ta' Settembru, 1978 huma talbu lill-intimat permess għal dimostrazzjoni fil-Belt Valletta bi *placards* u *streamers* biex jipprotestaw kontra l-falliment ta' l-edukazzjoni f'Malta, fl-okkażjoni ta' "*Students' day*" ċjoè fil-5 ta' Ottubru, 1978 fil-5.00 p.m.;

Illi fis-27 ta' Settembru, 1978 l-intimat irrifjuta l-permess għad-dimostrazzjoni, bil-pretest li l-*General Workers Union* kienet ser tagħmel dimostrazzjoni oħra fil-Belt Valletta u li l-permess kienu talbuh qabel l-esponenti;

Illi din il-pretiża dimostrazzjoni tal-*General Workers Union* ma ġiet imsemmija qatt fost il-festeġġjamenti tal-*General Workers Union*, u kienet komda ħafna bħala pretest biex l-esponenti jiġu miċħuda d-dritt li jiltaqgħu, jimmanifestaw u jesrpimu liberalment l-opinjoni tagħhom. Tant li d-dimostrazzjoni kienet "fittizja" li ma saret qatt;

Illi wara dan l-ewwel rifjut ta' l-intimat, l-esponenti talbu permess ieħor għal dimostrazzjoni simili mir-*Radio City* għall-

Università Ġdida fl-Imsida u l-Università l-Qadima, f'Tal-Qroqq. Din id-dimostrazzjoni kellha ssir fil-5.30 p.m.;

Illi l-intimat reġa' ċaħad lill-esponent mid-dritt tad-dimostrazzjoni, din id-darba bil-pretest li kellu "*heavy police commitments*". Wara din l-iskuża, ġab skuża ġdida, ċjoè li kienet intiża għal tard wisq biex tkun tista' ssir qabel inżul ix-xemx;

Illi dawn huma kollha pretesti billi fil-fatt id-"dimostrazzjoni" tal-*G.W.U.* qatt ma saret, u l-intimat kien jaf minn kmieni wara nofs inhar li ma kinetx ser issir u għalhekk ma kellu ebda "*heavy police commitments*", kien pretest ukoll dak li kien tard wisq, billi nżul ix-xemx fil-5 ta' Ottubru jaħbat fis-5.41 p.m., u għalhekk kien hemm iż-żmien kollu meħtieġ biex id-dimostrazzjoni tkun tista' ssir fil-ħinijiet legali;

Illi r-rifjut ta' l-intimat ma huwiex għajr mezz ta' soppressjoni ta' kull forma ta' manifestazzjoni ta' dissens u ta' intolleranza għall-opinjonijiet differenti minn dawk ta' l-awtorità fil-poter;

Illi dan l-aġir illegali tiegħu jikkostitwixxi ksur ta' l-artikoli 42 u 43 (illum 41 u 42) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

U talbu li dik il-Qorti tagħtihom ir-rimedji li jidhrilha xierqa, billi tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq id-disposizzjonijiet fuq imsemmija fosthom li tiddikjara r-rifjut ta' l-intimat bħala ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti *nomine* billi tordna li jinħareġ permess għal dimostrazzjoni u tagħti dawk ir-rimedji finanzjarji applikabbli għall-każ ta' impossibilità tat-twettieq speċifiku tad-drittijiet ta' l-esponenti;

Rat ir-risposta ta' l-intimat;

*Illi l-konċetti kostituzzjonali nvoluti fil-provvedimenti legali* nvokati mir-rikorrenti huma in kwantu jirrigwardaw il-libertà ta' għaqda, estraneji għall-kwistjoni minnhom miġjuba 'l quddiem għab-bażi taċ-ċirkostanzi *ta'* fatti allegati fir-rikors in *risposta*, u, in kwantu jirrigwardaw il-libertà ta' l-espressjoni, fuq l-iskorta tal-fatti hemm allegati, anke kieku kien talvolta veru, li l-esponenti sar jaf "kmieni" wara nofs *inhar stess* li kellha *tinżamm id-dimostrazzjoni minnu awtorizzata* illi dik ma kinetx ser tinżamm, ma jista' qat jintitola lil xi ħadd li jiġbed il-konklużjoni li għaliha jridu jaslu r-rikorrenti, b'dak li jgħidu fis-seba' paragrafu tar-*rikors tagħhom* ta' suppressjoni jew intolleranza da parti ta' l-esponenti fl-eżerċizzju tad-doveri tiegħu ta' Kummissarju tal-Pulizija biex imbagħad jiġi għall-ksur tal-libertà ta' espressjoni;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju *1989 li biha* (1) ċaħdet it-talbiet tar-*rikorrenti* bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom (2) wara li *rat* l-artikolu 805 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ordnat l-arrest tal-Kurunell John Cachia u bagħtitu quddiem il-*Qorti tal*-Maġistrati tal-*Pulizija Ġudizzjarja biex* isir *kontra tiegħu* l-proċediment skond il-liġi u ordnat li dik is-sentenza, jew estratt minnha jiġifieri l-paragrafi 14, 15 u 16 tagħna tiġi kkomunikata bla dewmien lill-Kummissarju ta*l-Pulizija u dana* wara li kkunsidrat illi:

1. B'ittra tat-22 ta' Settembru 1978 ir-rikorrenti talbu lill-

intimati permess biex jagħmlu dimostrazzjoni fil-Belt Valletta fil-5 ta' Ottubru 1978 bil-ħsieb li jipprotestaw kontra l-allegat falliment ta' l-edukazzjoni f'Malta. Bi tweġiba datata 27 ta' Settembru 1978 l-intimat ċaħad milli jagħti dak il-permess billi, kif qal fl-istess tweġiba, fil-5 ta' Ottubru 1978 fil-Belt Valletta kienet ser issir dimostrazzjoni mill-*General Workers Union*, li kienet tat l-avviż ta' dik id-dimostrazzjoni qabel l-ittra msemmija tar-rikorrenti;

2. B'ittra tad-29 ta' Settembru 1978 ir-rikorrenti talbu lill-intimat biex fil-5 ta' Ottubru 1978 fl-4.30 p.m. jagħmlu *Rally* fir-*Radio City Theatre* l-Blata l-Bajda, u biex isegwu r-*Rally* b'dimostrazzjoni għall-ħabta tal-5.30 p.m. B'ittra tat-30 ta' Settembru 1978 l-intimat wieġeb li ma kienx hemm oġġezzjoni għar-*Rally*, iżda li t-talba għad-dimostrazzjoni ma setgħetx tiġi milqugħa minħabba l-"*heavy Police commitments*" f'dik il-ġurnata. In segwitu, f'kontro-protest, l-intimat ta raġuni oħra għar-rifjut tiegħu dwar din id-dimostrazzjoni, u ċjoè li l-istess dimostrazzjoni ma kinetx ser tinżamm qabel inżul ix-xemx, skond il-liġi, stante li kienet proposta li tibda fil-5.30 p.m.;

Ir-rikorrenti intimat għat-talbiet tagħhom dwar iż-żewġ dimostrazzjonijiet jikkostitwixxi ksur ta' l-artikoli 41 u 42 (ġà 42 u 43) tal-Kostituzzjoni, li jissanċixxu drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu;

4. L-artikolu 41 imsemmi jiddisponi li "ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni ....." L-artikolu 42 jiddisponi li "ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika.....";

5. L-Ordinanza Dwar *Meetings* Pubbliċi, Kapitolu 68, *tittratta minn meetings u dimostrazzjonijiet*. Fl-artikolu 2 tagħha tiddifinixxi dawn iż-żewġ termini separatament. "Dimostrazzjoni" tiddefiniha bħala "*laqgħa jew ġemgħa ta' iżjed minn għoxrin ruħ fi triq jew pjazza pubbliċi (sic)* jew f'post pubbliku fil-beraħ, li jkollha bħala skop li turi kif soltu ssir pubblikament l-akkoljenza, l-approvazzjoni jew id-dimostrazzjoni ta' dik il-laqgħa jew ġemgħa";

6. Kjarament, il-libertà li tinżamm dimostrazzjoni, fit-termini kif hawn fuq definita, hija protetta bl-artikoli ċċitati 41 u 42 tal-Kostituzzjoni. Tali dimostrazzjoni, di fatti, timplika essenzjalment għaqda ta' numru ta' nies bl-iskop li jesprimu l-*fehmiet tagħhom*. L-artikoli 41 u 42 jissanċixxu preċiżament il-libertà *ta' tali* espressjoni u *tali* għaqda;

7. Jiġi nnotat li l-istess artikoli, 41 u 42 tal-Kostituzzjoni, ikomplu t-tnejn jiddisponu fis-sub-artikolu (2) ta' kull wieħed minnhom, li "ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment li jkun meħtieġ raġonevolment fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku....." Ħlief għall-artikoli 20 u 21 ta' l-Ordinanza Dwar *Meetings* Pubbliċi, ma jidhirx li relattivament għad-dimostrazzjoni, hemm xi liġi li tagħmel provvediment fl-interess kif imsemmi hawn fuq;

8. L-artikolu 21 ta' l-Ordinanza mhux rilevanti fil-każ odjern. Jagħti s-setgħa lill-President ta' Malta biex bi proklama jipprojbixxi d-dimostrazzjonijiet f'okkażżjonijiet partikolari jew għal żmien speċifikat;

9. L-artikolu 22 ta' l-Ordinanza jiddisponi li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jiżbanda dimostrazzjoni. Il-kelma "jiżbanda" tfisser "ma jħallix aktar miġbura jew magħquda flimkien; iferrex l-imseħbin; jisfratta mil-laqgħa, ikeċċi 'l hinn u 'l hawn; igerrex ġemgħa, folla." (Il-Miklem Malti ta' Erin Serracino Inglott). Timplika li n-nies ikunu ġa ltaqgħu, li d-dimostrazzjoni tkun ġà bdiet. Jekk qatt din it-tifsira titlob konferma, din jipprovdiha l-artikolu 22 ta' l-istess Ordinanza li jiddisponi li l-ordni għall-isbandament ta' dimostrazzjoni jista' jiġi esegwit bil-mod previst fl-artikolu 15, jiġifieri bid-daqq tat-trumbetta jew bit-tisfir tas-suffara, tal-Pulizija;

10. L-Ordinanza msemmija ma tagħtix is-setgħa lill-Kummissarju tal-Pulizija li jipprojbixxi preventivament dimostrazzjoni. Ebda liġi ma tagħtih din is-setgħa. L-anqas hu meħtieġ, bl-Ordinanza jew b'xi liġi oħra, li jingħata avviż tad-dimostrazzjoni lill-Pulizija (kif hu meħtieġ fil-każ ta' *meeting*);

11. Mill-premess isegwi li l-intimat ma kellux il-poter jipprojbixxi, kif għamel, lir-rikorrenti milli jagħmlu d-dimostrazzjonijiet proposti, jew xi waħda minnhom;

Il-fatt li r-rikorrenti talbu lill-intimat għall-permess tiegħu biex jagħmlu d-dimostrazzjoni, ma setax jagħtih, u ma taħx, dak il-poter;

12. Dak li jirriżulta li għamel l-intimat kien li pprojbixxa lir-rikorrenti u lil sħabhom l-istudenti milli jagħmlu d-dimostrazzjonijiet. Ma rriżultax li ppreklidihom fiżikament milli jagħmluhom. Ma rriżultax li l-istudenti marru biex jiddimostraw fil-5 ta' Ottubru 1978, u ġew żbandati. F'dak il-każ ir-rikorrenti

kienu jkunu jistgħu jiddomandaw li tali żbandament jiġi ddikjarat li jilledi d-drittijeit tagħhom kostituzzjonali u jitolbu rimedju. Fil-każ preżenti jidher li l-istudenti, malgrado r-rifjut ta' l-intimat, kienu għadhom effettivament liberi li jiddimostraw fil-5 ta' Ottubru 1978, kemm fil-Belt Valletta kif ukoll mill-Blata l-Bajda sa tal-Qroqq. Kieku marru jiddimostraw ma kienu jiksru ebda liġi. Jekk ir-rifjut tal-permessi da parti ta' l-intimat kien jikkostitwixxi ordni biex ma jiddimostrawx, dak l-ordni, għar-raġunijiet imsemmijin, ma kienx leġittimu;

13. Mill-premess jidher li l-aġir ta' l-*intimat* ma kienx *effettivament* jikkostitwixxi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti m'humiex intitolati għar-rimedji mitlubin;

14. Jiġi rrilevat li b'nota ta' l-4 ta' April 1979 l-intimat esebixxa f'dawn l-atti numru ta' dokumenti fosthom id-dokument "B". Dan huwa fotokopja ta' paġna 53 ta-*Correspondence Register"* tal-Pulizija, li fih kienet rreġistrata l-korrispondenza riċevuta mill-*Pulizija*. Jidher li din il-korrispondenza kienet tiġi rreġistrata f'ordni kronoloġiku, u l-entrati kienu jiġu enumerati progressivament;

15. L-entrata rreġistrata isfel nett fil-paġna msemmija tindika talba tal-*General Workers Union* biex tagħmel *dimostrazzjoni* fil-Belt Valletta fil-5 ta' Ottubru 1978. Din l-entrata ġġib id-data tas-16 ta' Settembru 1978. Minħabba li din l-entrata ġġib in-numru 19A, u in vista tax-xiehda prodotta f'din il-proċedura, partikolarment dik ta' l-Avukati Dottor Stefan Frendo u Dottor Francis Zammit Dimech u ta' Anton Micallef din il-Qorti għandha suspett fondat li d-dokument imsemmi huwa falz. Il-persuna sospetta tal-falsifikazzjoni hija l-Kurunell

John Cachia li fid-data rilevanti kien jokkupa l-karika ta' Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk responsabbli għar-reġistru msemmi. Għalhekk ser tipprovdi fir-rigward kif infraskritt;

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrent u okkorrendo ta' Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo bħala awtorizzati li jirrappreżentaw lill-Kunsill ta' l-Istudenti f'dawn il-proċeduri u ta' Stephen Attard u John Grech bħala President u Segretarju ta' l-Istudenti Universitarji, ilkoll bħala partijiet jew bħala terzi nteressati f'dan l-appell, ippreżentat l-istess rikors fis-17 ta' Mejju 1989 li bih talbu li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tad-29 ta' Ottubru 1979 billi tiddikjara li l-Kunsill ta' l-Istudenti Universitarji f'dawn il-proċeduri huma rappreżentati minn Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo, tirrevoka l-ewwel kap tas-sentenza mogħtija fir-rikors fl-ismijiet premessi billi prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u għal kull buon fini l-Qorti hija mitluba li ma tiddisturbax il-provvediment dwar il-falsifikazzjoni tad-Dok. B mogħti fil-konfront ta' terzi persuni;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fis-26 ta' Mejju 1989;

Rat id-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Lulju 1989 li biha ċaħdet it-talba ta' l-imsemmi John Cachia għal biex jintervjeni *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri kkontenuta fir-rikors tiegħu fuq imsemmi tal-21 ta' Ġunju 1989 bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-appellanti qegħdin fl-ewwel lok jappellaw mid-digriet mogħti mill-ewwel Qorti fid-29 ta' Ottubru 1979 u qegħdin *jitolbu li kuntrarjament għal dak deċiż f'dak id-digriet il-Kunsill* ta' l-Istudenti Universitarji f'dawn il-proċeduri huwa rappreżentat minn Francis Zammit *Dimech u Stefan* Frendo. In sostenn ta' din it-talba tagħhom huma qegħdin jagħmlu riferenza għar-riżoluzzjoni ta' l-istess Kunsill (Dok. N, fol. 26) li bih l-istess Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo ġew maħtura bħala rappreżentanti ta' l-istess Kunsill f'dawn il-proċeduri *indipendentement* jekk humiex membri tal-Kunsill jew le;

Minn eżami tal-proċess jidher *ictu oculi* li l-azzjoni preżenti ġiet inizjata mill-I*students Representative Council*, dik il-ħabta rrappreżentata minn Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo allura President u Segretarju rispettivament ta' l-istess Kunsill. B'nota tat-28 ta' Ġunju 1979 (fol. 7) George Hyzler u Mary Sammut assumew ir-rappreżentanza ta' *l-istess Kunsill stante* ħatriet ġodda li kienu saru fil-karigi ta' l-istess Kunsill, iżda dan sar flimkien ma' l-imsemmija Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo u mhux flokhom. L-Avukat ta' l-intimat oġġezzjoni għal dan billi sostna li l-assunzjoni kellha ssir in sostituzzjoni taż-żewġ rikorrenti oriġinali (verbal, 28 ta' Ġunju 1979 (fol. 8 );

F'dan ir-rigward xehed Francis Zammit Dimech li spjega li meta ġew inizjati l-proċeduri preżenti għan-nom tal-Kunsill, hu u Stefan Frendo kienu rispettivament il-President u Segretarju *ta'* l-istess Kunsill. Il-Kunsill kien awtorizzahom li jagħmlu l-kawża kemm bħala membri kif ukoll fil-kwalità uffiċjali tagħhom. B'verbal ta' l-4 ta' Ottubru 1979 (fol. 24) ġie ddikjarat li huma

ma kinux qegħdin jippretendu li għandhom ikomplu jidhru fil-kwalità tagħhom ta' President u Segretarju tal-Kunsill billi dawn il-karigi allura kienu okkupati minn ħaddieħor iżda bħala rappreżentanti permanenti ta' l-istess Kunsill kif awtorizzati bl-imsemmija riżoluzzjoni (li kopja tagħha tinsab esibita a fol. 26). Din ir-riżoluzzjoni turi li l-Kunsill ried li jibqa' rappreżentat tul il-kawża kollha minn Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni kuntrarju (u dana billi kienu jafu fuq il-fatti kollha) u dana flimkien mal-President u Segretarju tal-mument, mingħajr preġudizzju għall-posizzjoni ta' l-istess Zammit Dimech u Frendo bħala rappreżentanti ewlenija tal-Kunsill f'din il-kawża;

Il-Qorti ma tara xejn ħażin f'dan. Il-Kunsill, bħala l-parti li qiegħda tagħmel il-kawża, għandu kull dritt li jagħżel lil min irid hu biex jirrappreżentah fil-proċeduri, – jista' jissostitwixxi, jista' jżid u jista' jnaqqas fir-rappreżentanti tiegħu. Fil-każ preżenti s-seduta ġenerali tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1979 għaddiet riżoluzzjoni fejn ifformalizzat bil-miktub dak li kien hemm ġà qbil fuqu – u ċjoè li l-Kunsill f'din il-kawża jiġi rappreżentat mhux biss mill-President u Segretarju tal-mument iżda wkoll minn Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo;

Li kieku ma kienx hemm dik ir-riżoluzzjoni kien ikollha raġun l-ewwel Qorti meta qalet li bil-bdil tal-karigi, ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Kunsill kienet tgħaddi fil-persuni li jkunu bdew jokkupaw dawn il-karigi u ma tibqax iżjed fil-persuna ta' dawk li kienu jokkupaw il-kariga preċedenti. Il-Kunsill b'dik ir-riżoluzzjoni wera x'ried u l-Qorti ma tara l-ebda ostakolu għat-twettiq ta' dik ix-xewqa u riżoluzzjoni;

Għalhekk fil-waqt li huwa veru dak li qalet l-ewwel Qorti

li meta nbdew il-proċeduri l-imsemmija Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo kienu jidhru f'ċerta kwalità determinata u bħala tali huma kienu qegħdin jirrappreżentaw lill-Kunsill, il-qorti ma tarax għaliex, meta spiċċatilhom dik il-kwalità, *huma ma setgħux* ikomplu jirrappreżentaw il-Kunsill in virtù ta' l-imsemmija riżoluzzjoni flimkien mal-persuni l-oħra ġodda li assumew il-*kwalità tagħhom. Fil-kwalità tagħhom rispettiva ta'* President u Segretarju huma kienu qegħdin jirrappreżentaw lill-Kunsill; huma jistgħu jibqgħu jirrappreżentawh in virtù tar-riżoluzzjoni fuq imsemmija flimkien ma' dawk il-persuni li ġew investiti bil-karigi tagħhom. B'daqshekk ma sar l-ebda tibdil fil-persuna tar-rikorrent li baqa' dejjem l-imsemmi Kunsill;

Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravju ta' l-*appellanti* f'dan ir-rigward huwa fond*at. Jista' jiżdied li l-Qorti ma tistax* ma tinnotax illi fir-risposta ta' l-appell tiegħu (fol. 247) il-Kummissarju tal-Pulizija qal: li "Din ir-risposta ta' l-appell hija limitata għad-deċiżjoni dwar ir-rikors promotur u mhux dwar xi provvediment ieħor li tat l-ewwel Onorabbli Qorti". Il-Qorti ma tistax ma tifhimx b'dawk il-kliem li l-intimat ma kienx qed jagħmel ebda risposta dwar l-appell relattiv għad-digriet fuq imsemmi;

Ikkunsidrat:

L-appellanti qegħdin ukoll jitolbu li jiġi rrevokat l-ewwel kap tas-sentenza appellata u in sostenn ta' din it-talba qegħdin jissottomettu li l-ewwel Qorti ddeċidiet *extra petita* meta ddeċidiet il-kawża fuq eċċezzjoni ssollevata minnha stess u qegħdin jissottomettu wkoll li d-divjet illegali li tiddimostra huwa fih innifsu vjolazzjoni tal-libtertajiet fundamentali ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni, *multo magis* jekk kif ġie rritenut mill-ewwel

Qorti l-Pulizija ma għandha ebda poter tivvjeta d-dimostrazzjonijiet. Huma qegħdin jissottomettu wkoll subordinatament illi d-divjet tal-Pulizija ma kienx ġenwinament motivat minn konsiderazzjonijiet ta' nteress pubbliku għar-raġunijiet minnhom esposti fin-nota tagħha a fol. 135 – 42 tal-proċess;

L-appellanti qegħdin fl-ewwel lok joġġezzjonaw għall-parti konklużjonali tas-sentenza appellata fejn iddeċidiet li l-intimat ma kellux il-poter jipprojbixxi, kif għamel, lir-rikorrenti, milli jagħmlu d-dimostrazzjonijiet proposti u li għalhekk ir-rikorrenti, malgrado dak ir-rifjut, kienu għadhom effettivament liberi li jiddimostraw fil-5 ta' Ottubru 1979 u kieku marru biex jiddimostraw ma kinux jiksru ebda liġi. L-appellanti sejħu din il-parti tas-sentenza bħala *"extra petita"*;

Il-Qorti però ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni. Fir-rikors promotorju l-appellanti qegħdin jitolbu espressament *inter alia* li l-Qorti tiddikjara r-rifjut ta' l-intimat bħala ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħhom. Kif jidher min-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom (fol. 129 *et seq.)* waħda mis-sottomissjonijiet prinċipali ta' l-appellanti hija li ebda liġi ma tagħti d-dritt lill-pulizija li jipprojbixxu preventivament dimostrazzjoni u għalhekk id-divjet ta' l-intimat kien anti-kostituzzjonali u lesiv tad-drittijeit fundamentali tagħhom. L-ewwel qorti, fil-waqt li qablet ma' dik il-parti tas-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-liġi ma tagħtix id-dritt lill-intimat li jipprojbixxi preventivament dimostrazzjoni, minflok li ġibdet minn dan il-konklużjoni li għalhekk id-divjet ta' l-intimat kien anti-kostituzzjonali, waslet għall-konklużjoni li għalhekk l-appellanti kienu liberi li jiddimostraw billi ma kienx ikun hemm ksur ta' liġi;

Il-Qorti ma tara l-ebda deċiżjoni *extra petita* f'dan; l-ewwel Qorti, wara li qablet ma' l-appellanti li l-liġi ma tagħtix lill-intimat id-dritt li jipprojbixxi preventivament dimostrazzjoni, ma qablitx mal-konklużjoni li ġibdu minn dan l-appellanti iżda waslet għal konklużjoni diversa, ħaġa li kienet altru li libera li tagħmel. Għalhekk il-Qorti tirriġetta l-imsemmija sottomissjoni ta' l-appellanti;

Ikkunsidrat:

L-appellanti qegħdin jissottomettu wkoll fit-tieni lok li billi d-divjet ta' l-intimat kien illegali, dan fih innifsu kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Huwa kompitu għalhekk tal-Qorti teżamina l-kwistjoni jekk id-divjet ta' l-intimat kienx jew le awtorizzat minn xi liġi;

Jidher li l-materja hija rregolata mill-Ordinanza dwar il-*Meetings* Pubbliċi, Kap. 68, Ediz. Riveduta 1984, ġà Kap. 108, Ediz. Riveduta 1942. Din l-Ordinanza tagħmel distinzjoni netta (ħaġa li kienet tagħmel fl-1978) bejn dimostrazzjoni u *meeting* u fil-fatt tiddefinhom separatament fl-art. 2. "Dimostrazzjoni" jew "Dimostrazzjoni pubblika" tfisser laqgħa jew ġemgħa ta' iżjed minn għoxrin ruħ fit-triq jew pjazza pubbliċi jew f'post pubbliku fil-beraħ li jkollha bħala skop li turi kif soltu jsir pubblikament l-akkoljenza. L-approvazzjoni jew id-disapprovazzjoni ta' dik il-laqgħa jew ġemgħa" mentri "*meeting*" jew "*meeting* pubbliku" jfisser ġemgħa ta' iżjed minn għoxrin ruħ miġburin flimkien biex jiddiskutu ħwejjeġ pubbliċi, fi triq jew pjazza pubbliċi, jew f'post pubbliku fil-beraħ, jew ġewwa bini jew *club* li fihom il-pubbliku jew dawk li m'humiex membri jistgħu jidħlu";

*Din id-distinzjoni saret ukoll fil-kawża* "Il-Pulizija *vs* Ġanni Camilleri *et*" deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' April 1965 u riportata fil-Vol. I tad-Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 78, fol. 16, fejn ingħad in prim istanza illi: "Infatti, skond id-definizjoni tagħhom fl-art. 2 ta' l-Ordinanza, hemm elementi li jiddistingwu wieħed mill-oħra, u prinċipalment dak li mentri l-"*meeting*" isir għad-diskussjoni pubblika ta' kwalunkwe soġġett (sija politiku jew xort'oħra) l-iskop tal-manifestazzjoni m'huwiex *id-diskussjoni imma l-manifestazzjoni, kif soltu jsir, ta' għoxrin* persuna jew iżjed (in-numru huwa element komuni għat-tnejn) ta' akkoljenza, approvazzjoni jew disapprovazzjoni tal-ġemgħa jew laqgħa. Barra minn dan dimostrazzjoni trid issir bilfors fil-beraħ mentri "*meeting*" jista' jsir ukoll ġewwa bini. Għalhekk iż-żewġ forom ta' attività ma jistgħux jiġu konfużi ma' xulxin....";

*Wara li tagħmel din id-distinzjoni, l-istess liġi tgħaddi biex* tirregola l-*meetings* u *inter alia* timponi l-obbligu ta' avviż tal-*meeting* bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija mhux iżjed minn tmint ijiem u mhux anqas minn tmienja u erbgħin siegħa qabel il-*meeting* u fejn tirregola proċessjoniet lejn u minn *meeting*. Id-dimostrazzjonijiet huma mbagħad rregolati fl-artikoli 20, 21, 22 u 23. Eżami tagħhom juri li l-liġi ma timponi l-ebda obbligu ta' avviż jew talba lill-Kummissarju tal-Pulizija biex tinżamm dimostrazzjoni. Dawn l-artikoli jillimitaw ruħhom li jagħtu s-setgħa lill-Kummissarju li għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jiżbanda dimostrazzjoni u li jagħti s-setgħa lill-President ta' Malta li bi Proklama jipprojbixxi d-dimostrazzjonijiet kollha f'postijiet miftuħa għall-pubbliku f'okkażjonijiet partikolari jew għal żmien tliet xhur, liema perijodu jista' jiġi mġedded, kif ukoll li jimponi s-sanzjonijiet tal-liġi f'każ ta' vjolazzjoni ta' l-istess artikoli. Jista' jiżdied ukoll li skond l-art. 10 (ġà 11) il-

Kummissarju tal-Pulizija.......jagħmel regolamenti għall-manteniment tal-buon ordni fl-okkażjoni mhux biss ta' *meetings* pubbliċi iżda wkoll ta' dimostrazzjonijiet;

Il-Qorti għalhekk taqbel ma' dik il-parti tal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti fejn irriteniet li ebda liġi ma kienet tagħti s-setgħa lill-intimat li jipprojbixxi, kif għamel, lill-appellanti milli jagħmlu d-dimostrazzjonijiet proposti jew xi waħda minnhom. Jista' jiżdied a propositu li l-istess intimat fir-risposta tiegħu ta' l-appell qal biss: "illi jidher illi l-punti legali deċiżi mill-ewwel Onorabbli Qorti kienu korretti. Però s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ma għandhiex tiftiehem illi fejn dimostrazzjoni ppjanata tkun tinvolvi xi distrub ta' drittijiet ta' terzi jew ta' ordni pubbliku – bħal regolamentazzjoni ta' traffiku – dimostrazzjoni m'għandhiex tiġi rregolata";

Isegwi għalhekk li l-intimat ma jistax jinvoka favur tiegħu l-artkolu 41(2) u 42(2) tal-Kostituzzjoni li kull wieħed minnhom jiddisponi li "ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment (i) li jkun meħtieġ raġonevolment.....". Kif ingħad ma kien hemm ebda liġi li kienet tawtorizza id-divjet tal-Kummissarju f'dan il-każ;

Issa l-ewwel Qorti, meta waslet, kif waslet din il-Qorti, għall-imsemmija konklużjoni, għaddiet biex tiġbed konklużjoni oħra, u ċjoè li billi ma kien hemm ebda liġi li tirrikjedi l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biex issir dimostrazzjoni, allura l-appellanti kienu għadhom effettivament liberi li jiddimostraw fil-5 ta' Ottubru 1978 kemm fil-Belt Valletta kif ukoll mill-Blata l-Bajda sa tal-Qroqq u għalhekk ma setax kien hemm vjolazzjoni

*tad-drittijiet tagħhom fundamentali fuq imsemmija;*

Huwa hawn appuntu fejn il-Qorti, bir-rispett kollu, ma tarax li tista' taqbel ma' l-ewwel Qorti. Għalkemm għar-raġunijiet fuq imsemmija l-appellanti ma kellhomx skond l-Ordinanza l-ħtieġa li japplikaw għall-permess li jżommu d-dimostrazzjonijiet minnhom proposti, u għalkemm bħala konsegwenza l-intimat ma kellux, taħt l-Ordinanza, is-setgħa *li jirrifjuta t-talba u anzi jmissu ħa l-atteġġament li ebda talba* għal permess għal dimostrazzjoni ma kienet meħtieġa il-fatto sta li t-talba saret u d-divjet kien hemm fiż-żewġ okkażjonijiet li saret it-talba biex issir dimostrazzjoni;

Issa f'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn tajjeb jew ħażin kien hemm id-divjet ta' l-intimat, wieħed m'għandux jistenna li l-appellanti jieħdu l-liġi f'idejhom u jżommu d-dimostrazzjoni l-istess minkejja d-divjet tal-Kummissarju. Huwa ovvju li kieku għamlu hekk huma kienu jkunu qegħdin ma jobdux l-ordni tal-Pulizija, sija pure lleġittima kif issa qed jiġi ritenut mill-Qorti. Ma jistax għalhekk jingħad li l-appellanti setgħu jżommu d-dimostrazzjoni l-istess u li kwindi ma jistgħux jallegaw li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom mill-intimat. Anzi l-imsemmija vjolazzjoni tikkonsisti fil-fatt li kien hemm divjet meta ma setax kien hemm skond il-liġi. Il-fatt li l-appellanti għamlu applikazzjoni meta ma kienx hemm bżonn li jagħmluha ma jagħmilx differenza billi l-istess jibqa' li l-Kummissarju ma kellux is-setgħa li jirrifjuta l-applikazzjoni u huwa dan il-fatt li rrifjuta l-applikazzjoni li jikkostitwixxi l-vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali fuq imsemmija;

In vista tal-konklużjoni fuq raġġunta favur il-Qorti.......kwistjonijiet oħra msemmija fil-proċess;

Ikkunsidrat:

Huwa ovvju li fiċ-ċirkostanzi l-ebda rimedju speċifiku ma huwa possibbli. L-appellanti jaċċettaw dan u għalhekk qegħdin jitolbu li r-rimedju jikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' ksur tal-Kostituzzjoni u fil-ħlas ta' kumpens adegwat;

Kwantu għall-ewwel talba, jidher li għar-raġunijiet fuq imsemmija u fiċ-ċirkostanzi tal-każ din hija ġustifikata. Kwantu għat-tieni talba rigwardanti l-ħlas ta' kumpens adegwat jiġi osservat li l-intimat appellat qiegħed jissottometti li l-Kostituzzjoni ma tipprovdix għall-ħlas ta' kumpens ħlief fil-każ ta' arrest illegali (art. 34(4) u għalhekk tapplika l-massima legali "*ubi lex voluit dixit*";

Il-Qorti ħasebt fit-tul fuq dina s-sottomissjoni. Skond l-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, persuna li tallega li xi waħda mid-drittijiet fundamentali tagħha tkun ġiet, tkun qed tiġi, jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal **rimedju.** Għalhekk skond id-disposizzjoni espressa tal-Kostituzzjoni r-rimedju jista' jintalab ukoll fil-każ ta' vjolazzjoni li **tkun ġiet** kommessa kontra tagħha, bħal f'dan il-każ;

Issa r-rimedju jista' jikkonsisti fil-fatt li persuna tiġi reintegrata fid-dritt li jkun ġie vvjolat. Issa jista' jiġri li f'ċerti ċirkostanzi ma jistax ikun hemm din ir-reintegrazzjoni, bħal f'dan il-każ. Eppure l-liġi tgħid fl-art. 46(1) li l-persuna li jkollha d-dritt tagħha vvjolat għandha dritt għal rimedju mingħajr ma l-liġi ma tillimita bl-ebda mod dak id-dritt għar-rimedju. Il-liġi ma tgħidx li jkun hemm biss dritt għal rimedju f'każ li jista' jkun hemm reintegrazzjoni fid-dritt ivvjolat. Rimedju, skond

il-Kostituzzjoni, għandu jkun hemmm u jekk ma jkunx jista' jingħata b'reintegrazzjoni fid-dritt ivvjolat, allura hija fehma tal-Qorti li dak ir-rimedju għandu jingħata xort'oħra u dan ix-xort'oħra jista' jikkonsisti appuntu fil-ħlas ta' kumpens adegwat. Altrimenti l-Kostituzzjoni fl-art. 46(1) ma tilħaqx l-iskop tagħha li jingħata rimedju;

*Issa fil-każ preżenti apparti li saret talba mill-appellanti* għall-ħlas ta' kumpens adegwat, ma saru l-ebda sottomissjonijiet, sija min-naħa sija minn oħra, dwar il-quantum tal-kumpens, billi jidher li l-kontendenti kkonċentraw fis-sottomissjonijiet tagħhom fuq l-eżistenza o meno tal-vjolazzjoni allegata. Ma jkunx xieraq u ġust għalhekk li l-Qorti tgħaddi biex tiffissa ***arbitrio boni viri*** dana l-kumpens mingħajr ma jsiru s-sottomissjonijiet tal-partijiet u għalhekk billi l-partijiet huma intitolati għall-benefiċċju *tad-doppio eżami*, *il-Qorti se tagħti l*-ordni infraskritt;

Jista' jiżdied li l-Qorti ma taqbilx ma' l-imsemmija sottomissjoni ta' l-intimat ibbażat fuq l-art. 34(4) tal-Kostituzzjoni billi l-eżistenza ta' disposizzjoni *ad hoc* li ssemmi l-ħlas tal-kumpens, ma teskludix li jkun hemm id-dritt għall-ħlas ta' kumpens taħt id-disposizzjoni fuq imsemmija ta' l-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell fis-sens illi (1) tirrevoka d-digriet fuq imsemmi tad-29 ta' Ottubru 1979 billi tiddikjara li l-*Istudents Representative Council* hija rappreżentata wkoll minn Francis Zammit Dimech u Stefan Frendo f'dawn il-proċeduri u dana bl-ispejjeż kontra l-intimat u (2) tirrevoka l-ewwel kap tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju 1989 inkwantu li ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti billi minflok tilqa'

dawk it-talbiet fis-sens li tiddikjara li għar-raġunijiet fuq imsemmija kien hemm ksur tal-Kostituzzjoni da parti ta' l-intimat fis-sens ukoll li tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-appellanti huma in prinċipju intitolati għal kumpens adegwat u għal dan l-iskop tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti biex tillikwida l-istess kumpens u bħala rimedju tikkundanna l-intimat iħallas il-kumpens kif hekk illikwidat. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, apparti dawk fuq ġà deċiżi, għandhom jiġu sopportati mill-intimat appellat.